KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

22 ta' Ottubru 2010

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tmienja u Erbghin (48) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-tmienja u erbghin (48) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar l-Erbgha 22 ta' Settembru 2010 fis-2.00pm.**

It-Tmienja u erbghin (48) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. Proposta ta' Bye-Laws dwar Pubblikazzjonijiet
6. Proposta ta' Bye-Laws dwar Uzu ta' Facilitajiet
7. Permessi ta' Gabbani f'attivitajiet
8. Il-Kuncert ta' Elton John
9. Titjib ta' facilitajiet fil-picc tal-futbol tal-Arena tal-Indipendenza
10. Ghazla tal-Offerti
    10.1 Floriana Heritage Trail Information Panels
    10.2 Xiri ta' Materjal tal-elettriku
11. Lejliet l-Ewwel Sena
12. Is-Sejha tal-Offerti dwar Resurfacing and Patching
13. Il-progett tal-Qasam tad-Djar Triq l-Argotti/ l-Iljun
14. Genna ta' Gonna... u hafna aktar!
15. Ħwejjeg Oħra
16. Aġġornament tal-laqgħa

Ghat-Tmienja u erbghin (48) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **il- Sindku Nigel Holland , il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Fiona Said.**

**Il-Vici Sindku Franco Davies attenda wara materja nru 1.0.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis- Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tas-sebgha u erbghin(47) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: F'dan l-istadju tal-laqgħa, attenda l-Vici Sindku Franco Davies**

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland tkellem dwar Memo 119/2010 dwar il-partecipazzjoni tal-Kunsill Floriana fil-*Local Council Green Challenge and Community Involvement Award* sabiex jitjieb l-ambjent fiziku. Il-Kunsill qabel li ghandu jippartecipa u kull kunsillier ghandu jressaq l-inizzjattivi li jaqghu taht il-qasam ta' kull kunsillier.

**F'dan l-istadju tal-laqgha, il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat minhabba li kienet ser tigi diskussa li kellha interess pekunarju.**

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand is-Sur David Torpiano dwar il-kiri ta' Gnien Sir Luigi Preziosi. Il-Kunsill approva unanimament li jinhareg dan l-permess għall-uzu ta' dan il-gnien biex issir ic-cerimonja ta' ringrazzjament tas-sacerdot novell. Dan il-permess ghandu jinghata bil-kundizzjoni li parti mill-ġnien tibqa' miftuha ghall-pubbliku u li l-applikant għandu jħallas il-mizata applikabbli skond l-Avviz Legali 119 tal-2002 filwaqt li ghandu jassigura li jiehu hsieb l-indafa u jkun hemm numru ta' mobile toilets.

**F'dan l-istadju, rritorna fil-laqgha l-kunsillier Edward Torpiano.**

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand l-iskola Primarja dwar il-prezentazzjoni ta' Ktieb Tezor lit-tfal tal-ewwel sena. Il-Kunsill approva li bhas-snin precedenti jipprezenta il-Ktieb Tezor lit-tfal tal-ewwel sena.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ghall-konsiderazzjoni tal-Kunsill Memo 121/2010 dwar Skema ta' Inizjattivi sportivi. Il-Kunsill approva li l-Kunsill jippartecipa billi jsir programm ta attivitajiet u dan ghandu jigi prezentat permezz ta' memo interna sa l-ahhar tax-xahar.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand is-Sur Stephen Tonna sabiex tittella' l-Kantata 'Hodon Fjuri lil San Publju' f'Kercem Ghawdex. Il-Kunsill iddecieda biex jiltaqa' mas-Sur Stephen Tonna dwar din it-talba.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment dwar Triq Vilhena kantuniera ma' Triq l-Imhazen dwar l-istat tat-triq kawza ta' l-ilma tax-xita li qed jingema' u jidhol taht it-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob il-kuntrattur sabiex issir il-manutenzjoni mehtiega u jekk hemm bzonn, il-kunsill ghandu jiehu parir minghand il-perit sabiex jsir culvert.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni dwar xiri ta' xibka tat-tennis ghat-tennis kort tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V peress li dik attwali tinsab fi stat hazin. Il-Kunsill approva.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq applikazzjoni dwar Premju lill-Kunsilli Lokali ghall-appogg lill-Intrapriza Lokali. Il-Kunsill approva li timtela l-applikazzjoni u biex il-Kunsill jippartecipa.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni dwar sistema ta' irrigazzjoni. Is-Sindku ppropona li ghanda ssir spezzjoni fil-gibjun qabel mal-kunsill johrog l-ispiza msemmija . Il-Vici Sindku Franco

Davies ippropona li ghandu jinxtara depth meter biex jitkejjel l-ammont ta’ ilma li qed jonqos. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir spezzjoni dwar il-kundizzjoni tal-gibjun qabel ma jsir ix-xoghol necessarju.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza dwar il-bidu ta’ xoghol li ser jsir mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet li jikkonsisti f’bankina ġdida fit-telgha ta’ Triq Sa Maison sal-Gnien tal-Milorda. Il-Kunsill aċċetta is-site plan bix-xoghol indikat u qabel unanimament li ghandu jaghmel iz-zebra crossing kif indikata fl-istess site plan.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ix-xiri ta’ sistema (Payroll software) sabiex jinhadmu l-pagi u dan biex il-Kunsill ikun konformi ma’ waħda mir-rakkomandazzjonijiet tal-awditur. Is-sistema tiswa €750. Il-Kunsill approva.

## <u>3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet lis-Sindku sabiex jikkonferma jekk il-kuntrattur tal-Bulky refuse ghandux jibda jiehu l-materjal li jinkludi terrapien. Is-Sindku wiegeb li l-kuntrattur accetta li jiehu terrapien sakemm dan ma jaqbizx iz-zewg *items* (xkejjer/kaxxi).

## <u>4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji</u>

**Nota: Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat. Ghaldaqstant, il-Vici-Sindku Franco Davies kompla jippresiedi l-laqgha.**

**Nota: Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat**

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **45-05 A, B, C** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 8890 sa 8938.

**F’dan l-istadju tal-laqgha, attenda is-Sindku Nigel Holland u kompla jippresiedi l-laqgha.**

**F’dan l-istadju tal-laqgha, attenda l-Kunsillier Edward Torpiano**

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Franco Davies ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta’ kontijiet indikati bhala cekk nru 8939 sa 8959, kif ukoll dawk imsemmija f’4.3, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, FD, VB, ET, SSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## <u>5.0 Proposta ta’ Bye Laws dwar Pubblikazzjonijiet</u>

5.1 Is-Sindku Nigel Holland spjega l-kontenut fil-qosor tal-Bye Law dwar publikazzjonijiet fejn qal li permezz ta’ din l-Bye Law il-Kunsill jista’ jitlob dritt ta’ hlas ghal xiri ta’ pubblikazzjonijiet tal-Kunsill.

5.2 Is-Sindku Nigel Holland spjega li l-Kunsill ghandu numru ta' pubblikazzjonijiet li qeghdin jinbieghu fuq talba ta' donazzjoni izda jhoss li l-Kunsill ghandu jirregolarizza ruhu u dan jista' jsir billi jdahhal dawn il-bye-laws proposti.

5,3 Tressqet mozzjoni favur l-approvazzjoni tal-Bye Laws mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano.

5,4 Wara li ttiehed vot, il-Kunsill approva dawn il-Bye Laws dwar Pubblikazzjonijiet b'mod unanimu u ghaldaqstant is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jibghathom lid-Direttur ghall-approvazzjoni.

## 6.0 Proposta ta' Bye-Laws dwar Uzu ta' Facilitajiet

6.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar il-*bye-laws dwar uzu ta' facilitajiet* billi spjega li permezz ta' dawn il-*Bye-Laws* il-Kunsill jista' jikri l-facilitajiet li huma devoluti lill-Kunsill Lokali.

6.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla jispjega li dawn il-facilitajiet jinkludu c-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u l-faciltajiet sportivi li jinsabu fl-istess centru u l-bini tal-Kunsill.

6.3 Tressqet mozzjoni favur l-approvazzjoni tal-*Bye Law dwar Uzuz ta' Facilitajiet* mill-Kunsillier Edward Torpiano, u ssekondata mill-Vici Sindku Franco Davies.

6.4 Wara li ttiehed vot, il-Kunsill approva dawn il-*Bye Laws dwar Uzu ta' Facilitajiet* b'mod unanimu u ghaldaqstant is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jibghathom lid-Direttur ghall-approvazzjoni.

## 7.0 Permessi ta' Gabbani f'attivitajiet

7.1 Is-Sindku Nigel Holland beda id-diskussjoni dwar din il-materja billi fakkar li l-Kunsill kien diga qabel dwar il-policy li f'attivitajiet godda li jsiru fil-lokalita' bhal ma kien il-Kuncert ta' Joseph Calleja, Wintermoods, Rod Stewart u Elton John, ma jinhargux permessi lill-gabbani. Is-Sindku talab il-konferma tal-kunsiliera dwar din il-policy peress li din kienet ittiehdet b'konsensus bejn il-Kunsilliera kollha izda ma kenitx registrata fil-minuti.

7.2 B'mod unanimu il-Kunsill ikkonferma l-policy kif spjegata f'7.1 li ma kellhomx jinhargu permessi ghall-gabbani fil-kuncerti ta' Joseph Calleja, Wintermoods, Rod Stewart u Elton John.

7.3 Intant, is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex "*il-Kunsill ma johrogx permessi ghall-gabbani f'attivitajiet godda peress li permessi simili mahruga f'attivitajiet simili, il-Kunsill ma jiehu ebda gwadann izda ghall-kuntrarju dawn il-permessi jinvolvu numru kbir sieghat ta xoghol mill-impjegati tal-Kunsill, glied u kju mill-applikanti tal-gabbani u hafna skart li jithalla warajhom wara l-attivita'.*"

7.4 Il-Kunsillier Edwar Torpiano issekonda din il-mozzjoni.

7.5 Wara li ttiehed vot favur din il-mozzjoni, il-Kunsill approvaha b'mod unanimu.

## 8.0 Il-Kuncert ta' Elton John

8.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja billi informa lill-Kunsill li huwa kellu laqgha mal-organizzaturi ta' dan il-kuncert fejn gie nnotifikat li parti minn Gnien il-Mall ser ikun maghluq minhabba ragunijiet ta' sigurta.

8.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla li huwa ma jaqbilx mal-gheluq ta' Gnien il-Mall izda ladarba l-Pulizija qed tghid li Gnien il-Mall ghandu jinghalaq minhabba ragunijiet ta' sigurta', il-Kunsill ma jistax jmur kontra din id-decizjoni tal-Pulizija.

8.3 Il-Kunsill qabel li johrog il-permess lill-organizzaturi bl-istess kundizzjonijiet tas-soltu flimkien ma' dawk tal-pulizija.

8.4 Rigward l-gheluq tal-Mall, il-Kunsill qabel li ghandha tintbaghat ittra lil pulizija fejn ghandu juri d-dizapprovazzjoni tal-Kunsill ghal dan l-gheluq u li ghandu jitlob lill-Pulizija biex jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom fuq l-gheluq ta' dan il-gnien meta johorgu l-kundizzjonijiet taghhom tal-permess.

## 9.0 Titjib ta' facilitajiet fil-picc tal-futbol tal-Arena tal-Indipendenza

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja billi spjega li wara laqgha li saret mal-Floriana Football Club, jidher li l-Kunsill jista' jaghti kontribut biex jigu mtejba l-facilitajiet tal-picc tal-futbol tal-Arena tal-Indipendenza.

9.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla li permezz tar-riforma fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali, il-Kunsill issa jista' jghin lill-ghaqdiet sportivi billi jaghmel xoghol ta' titjieb tal-facilitajiet.

9.3 Ghaldaqstant, is-Sindku Nigel Holland ppropona li l-Kunsill ghandu jalloka is-somma ta' 4000 euro sabiex isir xoghol ta' titjib f' dawn il-facilitajiet tal-futbol tal-Arena tal-Indipendenza.

9.4 Din il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano.

9.5 Ittiehed vot favur il-proposta, bir-rizultat:-
Favur: 5 (NH, FD, ET, SSH, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Ghazla tal-Offerti:

Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht.

## 10.1 Floriana Heritage Trail Information Panels

10.1.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili biex tintghazel l-offerta ta' Karl De Flavia fuq rakkomandazzjoni tal-Borg tal-Ghazla peress li l-prezz totali bl-installazzjoni b'kollox, hija l-orhos offerta, u dan sakemm l-kuntrattur jipprovdi sample fi zmien gimgha u li dan ikun ta' sodisfazzjon ghall-Kunsill.

10.1.2 . Ittiehed vot favur din l-offerta bir-rizultat :-
Favur: 5 (NH, FD, ET, SSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.2 Xiri ta' materjal tal-Elettriku

10.2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano biex tintghazel l-offerta ta' Calleja Ltd ghall-prezz ta' €5171.81, fuq rakkomandazzjoni tal-Borg tal-Ghazla peress li kienet l-unika u ovvjament l-orhos offerta u l-prezz huwa wiehed ragonevoli.

10.2.2 Ittiehed vot favur din l-offerta bir-rizultat :-

Favur : 5 (NH, FD, ET, SSH, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0 .

## 11.0 Lejlet l-Ewwel tas-Sena

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni fejn qal li l-Kunsill ghandu jkompli jippersisti wara l-Pulizija biex jinhareg il-permess ghal gheluq tat-triq.

11.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla billi qal li minhabba li hemm xnieghat li se ssir attivita ohra fil-Belt Valletta, il-Kunsill ghandu jibqa jinsisti mal-pulizija li l-ewwel applikazzjoni kienet gejja mill-Kunsill Lokali Floriana u ghalhekk ghandha tinghata priorita'.

11.3 Rigward l-offerta tal-esklussivita ghall-bejgh ta' ikel u xorb f'Lejlet l-Ewwel tas-Sena, il-Kunsill approva li ghandha tohrog sejha ghall-offerti fejn l-applikant ghandu jipprovdi *siteplan* u jipproponi l-allokazzjoni tal-barijiet u stands. Il-Kunsill approva.

11.4 Is-Sindku kompla billi qal li is-sidien tal-hwienet fi Triq Sant'Anna jistghu jaghmlu uzu mil-logog filwaqt li dawk ta' Pjazza Sant'Anna ghandhom johorgu sal-istess wiesgha tal-logog. Il-Kunsill approva.

11.5 Is-Sindku issuggerixxa biex il-programm sottomess fis-sejha tal-offerti mill-kuntrattur ghandhom jintaghzlu l-affarijiet kollha apparti l-loghob tan-nar kif ukoll il-pyrotechnics. Il-Kunsill approva.

## 12.0 Is-Sejha tal-offerti dwar resurfacing and patching

12.1 Is-Sindku Nigel Holland spjega li wara li kien hemm kontestazzjoni minn kuntrattur li kellu l-orhos offerta, il-Kunsill qed jistenna l-ezitu ta' investigazzjoni li qed jaghmel id-Dipartiment tal-Gvern Lokali .

12.2 Il-Kunsill iddecieda nem.con biex il-letter of acceptance ma tohorgx sakemm ikun hemm xi risposta mid-Dipartiment.

## 13.0 Il-Progett tal-Qasam tad-Djar Triq l-Argotti / Triq l-Iljun

13.1 Is-Sindku Nigel Holland semma li dan il-progett jidher li miexi wisq bil-mod, u ghalhekk jixtieq li l-Kunsill jiddiskuti possibilitajiet ta' azzjonijiet li jista' jiehu biex forsi tinghata spinta.

13.2 Il-Kunsillier Vince Borg semma li din it-triq ghandha bzonn ta' manutenzjoni urgenti u semma *pipe* tal-ilma li jaqsam it-triq li qieghed perikoluz hafna. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jigi rrapurtat immedjatament.

13.3 Is-Sindku Nigel Holland insista li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Awtorita' tad-Djar fejn il-Kunsill jitlob sabiex jinghata indikazzjoni meta dan il-progett ser jitlesta.

## 14.0 Genna ta' Gonna u Hafna aktar

14.1 Is-Sindku Nigel Holland ppropona li d-data ta' din l-attivita' ghandha tinbidel ghall-24 ta'

Ottubru 2010. Il-Kunsill qabel nem.con.

14.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla li fil-granet li gejjin ghandu jigi mhejji il-programm tal-attivitajiet u li sa issa kien hemm konferma min-naha tal-Pulzija li lesti jifthu l-Muzew ta' Kriminalita' u x-Xelters tad-Depot.

14.3 Is-Sindku Nigel Holland kkonkluda li ghad qed jistenna risposta minghand entitajiet ohrajn bhalma huma l-Middle Sea Insurance, il-gizwiti dwar il-ftuh tal-Knisja ta' Sarria, il-kapuccini dwar il-ftuh tal-Knisja u l-Kripta, il-banda Vilhena dwar programm muzikali, u orhajn.

## 15.0 Ħwejjeġ Oħra

15.1 Il-Kunsillier Vince Borg tkellem dwar xi bicciet tal-hadid li nqalghu fil-picc tal-KGV. Il-Kunsill qabel li ghandu jkellem lil kuntrattur dwar dan.

15.2 Il-Kunsillier Vince Borg tkellem ukoll dwar ir-reserved parking quddiem d-depot, fejn qal li rcieva rapporti minghand residenti qed jghidu li mhumiex jithallew jipparkjaw f'dan il-parkegg. Il-Kunsill ghandu jaghmel laqgha mal-korp tal-Pulizija dwar ir-reserved parking u dwar l-iskema ta' parkegg residenzjali li suppost tapplika ghal din il-parti inkwistjoni.

15.3 Il-Kunsillier Vince Borg fakkar dwar ir-railing li kellu jsir fil-bidu ta' Sqaq Harper peress li din il-parti hija perikoluza ghaliex tizloq hafna.

15.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili fakkret rigward il-culvert li hemm fi Triq l-Imhazen kantuniera ma' Triq Pietro Floriani. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu parir minghand perit u tohrog is-sejha ghall-offerti.

15.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet ukoll ghall-konsiderazzjoni tal-Kunsill id-data tal-harga t'Ghawdex, 30 ta' Settembru 2010 u biex il-Kunsill jhallas tat-trasport. Il-Kunsill approva nem.con.

## 16.0 Aġġornament tal-laqgħa

16.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-25 t'Ottubru 2010 fil-5.45pm.

Il-laqgha ntemmet fis-5.15pm.

Nigel Holland
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Ezekuttiv